Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 29/2015/1

**Ian Falzon (ID 279273M)**
**(appellant)**

**Vs**

**L-Awtorità tat-Trasport f' Malta**
**(appellata)**

11 ta' Frar, 2019.

1. Dan huwa appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' April 2018 li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent sabiex l-Awtorità tkun ikkundannata tħallsu ***performance bonus* fl-ammont ta' €9,900 għas-sena 2013**.

2. Għal dak li jikkonċerna l-kawża:

   2.1. Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Jannar 2015, l-appellant ħarrek lill Awtorità tat-Trasport f'Malta għas-somma ta' **€9,900** (disgħat elef u disa' mitt ewro) rappreżentanti ħmistax fil-mija (15%) tal-paga tiegħu pagabbli bħala ***performance bonus* dovuta lilu għall-perjodu minn Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013 skont il-klawżola 5.1 tal-kuntratt ta' impjieg** tiegħu magħha datat 30 ta' Novembru 2010;

   2.2. L-Awtorità intimata wieġbet[1] billi eċċepiet: (i) in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu l-pretensjonijiet tar-rikorrent jaqgħu minflok fil-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali a tenur tal-artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) il-*lis alibi pendends* stante proċeduri oħra bejn il-partijiet quddiem it-Tribunal Industrijali li

[1] Fol. 10

jekk ikollhom suċċess iwasslu għal għoti ta' ħlas li jinkludi l-pretensjoni tiegħu f'din l-istanza; (iii) li l-ammont pretiż huwa preskritt *ai termini* tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iv) mingħajr preġudizzju, l-pretensjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiż mhux dovut;

2.3. B'sentenza preliminari mogħtija fit-8 ta' Lulju 2015,[2] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata u, inkwantu ddeċidiet li għandha l-ġurisdizzjoni tisma' l-każ, ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

2.4. Permezz ta' sentenza *in parte* oħra mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2015,[3] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet illi s-subartikolu (ċ) tal-artikolu 2147 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jkoprix id-domanda tar-rikorrent għal *performance bonus* u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Awtorità intimata u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

2.5. L-Awtorità intimata appellat mid-deċiżjoni *in parte* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Ottubru 2015 iżda b'sentenza tas-16 ta' Diċembru 2016, l-appell ġie miċħud u b'hekk kompla s-smiegħ tal-kawża dwar il-meritu;

2.6. Permezz ta' sentenza tat-18 ta' April 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), filwaqt li ddikjarat li mhix se tieħu konjizzjoni tal-ewwel tlett eċċezzjonijiet stante li dawn ġja ġew minnha deċiżi, laqgħat ir-raba' eċċezzjoni tal-Awtorità intimata u ċaħdet it-talba tal-attur *in toto.*

3. Minn dik is-sentenza appella r-rikorrent Ian Falzon. Permezz tal-appell in diżamina huwa essenzjalment jilmenta li l-ewwel Qorti njorat il-provi kollha, inkluż dak li kien stipulat fil-kuntratt tax-xogħol tal-appellant u minflok ibbażat ruħha fuq ix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Ian Abdilla, liema xhieda titratta kwistjoni kompletament estranea mill-kwistjoni odjerna u liema xhieda ġiet meħudha barra mill-kuntest tagħha. Jikkontendi li mill-provi prodotti jirriżulta iżda li huwa kien ta prestazzjoni eċċellenti fis-sena 2013 b'dan illi skont il-klawżola 5.1 l-Awtorità appellata kienet obbligata tħallsu *performance bonus* ta' 15%. Jilmenta ulterjorment li l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, fejn qalet illi huwa ma kienx intitolat għal *performance bonus* ladarba ma sarx *appraisal* għaliex hu '*aġixxa bil-mod kif aġixxa, ċioé rinfaċċja proċeduri kriminali',* hija żbaljata in kwantu l-Awtorità appellata kellha d-dover li tagħmel *performance review*, u la

[2] Fol. 28 – 36.
[3] Fol. 62 – 70.

darba m'għamlitx dan, allura l-appellant ma jitlifx id-dritt li jirċievi *performance bonus.* Talab għalhekk lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 t'April 2018 billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità konvenuta appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata.

4. L-Awtorità appellata da parti tagħha tikkontendi li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Rigward l-aggravju tal-appellant, filwaqt li wieġbet illi l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel Qorti m'għandux jiġi disturbat b'mod leġġer minn din il-Qorti, issoktat tgħid illi l-proċeduri kriminali li għamel referenza għalihom l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla jorbtu mal-obbligi li kellu l-appellant fil-kuntratt tal-impieg tiegħu magħha u għalhekk rilevanti għall-każ odjern. Tgħid inoltré li għalkemm l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tinvestiga jekk l-appellant kellux dritt għal *performance bonus* o meno, kieku għamlet dan l-eżerċizzju xorta waħda kienet tasal għall-konklużjoni li l-ebda ammont m'hu dovut lill-appellant għaliex:

- *performance bonus* ma jingħatax awtomatikament bi dritt;
- jista' jvarja minn 0 – 15%;
- l-*appraisal* li l-appellant għamel tiegħu nnifsu mhux oġġettiv;
- ir-*rapport ex parte* ma jorbotx lill-Awtorità;
- minkejja li l-appellant ġie inkluż f'*email* li ntbagħtet *en block* lic-*Chief Officers* kollha tinfurmhom li se jingħataw *provisional performance bonus* ta' 10%, l-Awtorità dderiġiet lill-Uffiċċju tal-Finanzi tħallas lill-kulħadd ħliefu;
- ma kienx ħaqqu *performance bonus* la darba ġie akkużat kriminalment ta' misapproprjazzjoni, serq u frodi u ammetta parti mill-akkużi kontrih, li għalkemm ma seħħewx fi ħdanha:
    - kisru kull fiduċja li l-Awtorità kellha fih; u
    - kienu ta' preġudizzju għar-reputazzjoni tagħha u leżivi tal-obbligu kuntrattwali tiegħu naxxenti mill-klawsola 7 tal-kuntratt t'impieg; u għaliex
- l-appellat żamm lill-Awtorità fid-dlam dwar dak li kien qiegħed jiġri mal-Pulizija u għarrafha biss meta kien kostrett.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

5. Għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim' Istanza fl-evalwazzjoni tal-provi. Madanakollu:

*'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b'dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et -vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000'*[4]

6. F'dan l-isfond, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti.

7. Fid-deċiżjoni appellata, wara li l-ewwel qorti qalet fil-qasir x'kien qal kull xhud, semmiet dawn il-fatti:

*'1. Illi l-attur kien impjegat mal-Awtorita' intimata fil-kapacita' ta' Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili u dan mill-1 ta' Frar 2011 u dan fuq kuntratt ta' impieg b'terminu fiss ta' tlett snin datat 30 ta' Novembru 2010 (vide Dok IF 1) liema kuntratt gie imgedded ghal tlett snin ohra permezz ta' ittra datata 6 ta' Novembru 2012 (Dok IF 'A').*

*2. Illi l-attur gie imkecci mill-impieg tieghu permezz ta' ittra mibghuta lilu mill-Awtorita' intimata nhar l-24 ta' Marzu 2014, liema ittra ma gietx kontestata.*

*3. Illi skond il-kuntratt ta' impieg u appuntu l-klawżola numru 5.1 'The employee shall be entitled to an annual performance bonus of up to fifteen per cent (15%) of the annual gross salary payable at the time based, amongst others, on agreed performance objectives and key performance indicators (KPI). The absence of KPIs will not be a reason for a reduction or loss of the performance bonus."*

*4. Illi l-Awtorita' intimata tramite e-mail mibghuta minn James Piscopo CEO tal-istess Awtorita' lir-rikorrenti nhar id-19 ta' Dicembru 2013 kienet ikkoncediet li jinghata 10% tal-bonus u dwar il-kumplament kellu jkun hemm laqgha sabiex jigi diskuss il-performance tieghu u tal-ohrajn li ukoll kellhom management post.*

*5. Illi pero' jirrizulta li nel frattemp inhargu xi charges tal-pulizija dwar misapproprjazzjoni, frodi u embezzlement fil-konfront tar-rikorrent kif jirrizulta mid-dokument eżebit fl-atti a fol 131 mmarkat bhal Dok TM1 mahruga mill-allura Supretendent tal-pulizija u mibghuta lill-Ministeru tal-Infrastruttura u Trasport.*

*6. Illi bhala fatt is-CEO James Piscopo ma kienx jaf ezatt fejn kienu waslu l-proceduri fl-konfront tar-rikorrent u kien ghalhekk li kien hareg dik l-email gja imsemmija pero' appena sar jaf li c-charges fil-konfront tal-attur gew formalizzati kienet ittiehdet decizjoni mil-Bord li l-attur kellu jigi imkecci jekk ma jirrizenjax hu stess stante li l-Bord kien tilef kull fiducja fih.*

[4] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.

*7. Illi bhala fatt ghal dak il-perjodu msemmi fir-rikors promotur kulhadd kien ha l-performance bonus ta' 15% salv u b'eccezzjoni tal-attur stante li kien gie mressaq il-Qorti u akkuzat b'reati kriminali u dan seta' kellu impatt negattiv fuq l-Awtorita' intimata minkejja li r-reati in kwistjoni sehhew qabel mal-attur beda l-impieg mal-Awtorita', pero' sehhew minnu.*

*8. Illi huwa indiskuss li bhala fatt l-attur ma ircieva l-ebda performance bonus u ghalhekk kellha issir din il-kawza.*

*9. Apparti l-eccezzjonijiet l-ohra gja sorvolati, l-Awtorita' intimata qed tghid li l-ammont pretiz mhux dovut u dan minhabba l-agir kriminuz tal-attur u minhabba f'hekk l-awtorita' tilfet kull fiducja li kellha fil-persuna tieghu. L-attur qed jargumenta li l-kuntratt huwa ftehim bejn il-partijiet u jorbot lill-partijiet daqs li kieku kien ligi u dan a bazi tal-principju ta' pacta sunt servanda. Ghalhekk l-performance bonus ghandu jithallas ghaliex fil-kuntratt hemm imnizzel il-kelma bl-ingliz "shall". Minn naha l-ohra l-Awtorita' intimata ma taqbilx ma' din it tezi u dan ghaliex tghid li tali performance bonus ikun dovut wara li jsiru l-appraisals appoziti mill-istess Awtorita' intimata li fil-kaz in desamina ma sarux. Fil-kaz in desamina kien hemm biss appraisals li saru minn entitajiet li huma estraneji ghal dawn il-proceduri u ghalhekk kif stqarr is-sur Piscopo fix-xhieda tieghu l-Awtorita' mhix tenuta toqghod u tistrieh fuqhom.'*

8. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kompliet billi qalet:

*'Kif fissret din il-Qorti stess f'sentenza moghtija minnha fl-ismijiet '**<u>Alison Casha vs Melita Plc'</u>** deciza 14 ta Lulju 2012 "Il-Performance Bonus hija renumerazzjoni li ma hix fissa u li tmur lil hinn minn paga normali ta' impjegat, liema hlas jinghata lill-impjegat una volta jilhaq xi miri jew tiri partikolari stabbiliti bil-quddiem mill-imghallem tieghu. In oltre tali hlas ghandu jinghata biss bhala apprezzament ghax-xoghol li jkun ghamel l-impjegat u mhux xi hlas li l-impjegat huwa awtomatikament intitolat ghalih".*

*Huwa minnu illi, fil-ħlas ta' performance bonus, hemm element ta' diskrezzjoni mħolli f'idejn l-awtorita' intimata. Madankollu, ladarba l-ħlas tal-performance bonus kien stipulat fil-ftehim bejn il-partijiet, hemm ukoll rabta kuntrattwali, u l-ħlas għalhekk ma jistax jitħalla fid-diskrezzjoni mhix imxekkla tal-Awtorita' intimata. Li ma kienx hekk, l-obbligazzjoni kuntrattwali tkun biss waħda potestativa u ma tiswiex, kif jgħid l-art. 1056(1) tal-Kodiċi Ċivil[5], u interpretazzjoni li tifhem il-patt b'mod li jħalli l-ħlas għal kollox għar-rieda tal-Awtorita' intimata tkun interpretazzjoni li tmur kontra dak li jrid l-Art. 1004 tal-Kodiċi Ċivil[6] għax tkun tfisser illi l-partijiet ftiehmu fuq patt li ma jiswiex.'*

9. S'hawnhekk ir-*ratio* tal-Ewwel Qorti huwa tajjeb. Madanakollu, din il-Qorti ma tikkondividix il-mod kif il-Qorti tal-Prim' Istanza kompliet tiżvolgi dan l-argument. Hija qalet hekk:

*'Il-Qorti għalhekk tifhem illi kien hemm obbligazzjoni fuq l-Awtorita' intimata illi tħallas il-performance bonus, jekk seħħew il-kondizzjonijiet li taħthom kellu jsir*

[5] 1056. (1) L-obbligazzjoni ma tiswiex meta tkun ikkuntrattata taħt kondizzjoni li tagħmilha tiddependi biss mir-rieda ta' dak illi jobbliga ruħu.
[6] 1004. Meta klawsola tista' tfisser ħaġa u oħra, għandha tiftehem li tfisser dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm ebda effett.

*il-ħlas. Ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tara jekk sehhew il-kundizzjonijiet li tahthom kellu jsir il-hlas.*

*Illi kif jirrizulta skond il-kuntratt u senjatament ghall-klawsola numru 5.1 il-performance bonus kellu jithallas skond 'on agreed performance objectives and key performance indicators (KPI's)'. Pero' hemm ndikat ukoll li "the absence of KPI's will not be a reason for a reduction or loss of the performance bonus". Illi ghalhekk ab initio jirrizulta li sabiex ikun dovut il- performance bonus hemm il-htiega li jkun hemm qbil li tali bonus ikun dovut. Dan il-performance jista' jigi attwat biss una volta jkun hemm appraisal mill-awtorita' intimata li jindika li dak li jkun ikun intitolat ghal tali bonus. Il-bonus mhux paga addizzjonali kif donnu qed jimplika r-rikorrent jew dritt tieghu izda huwa bonus li jinghata kemm-il darba dak li jkun ikun hadem ghaliha billi inghata appraisal favurih mis-socjeta' intimata. Il-kelma 'shall' bil-lingwa Ingliza hawnhekk ma tfissirx li l-awtorita' hija obbligata taghti dan il-bonus izda li l-Awtorita' ghandha taghti dan il-bonus una volta jkun dovut.*

*Illi jirrizulta li l-kwistjoni hija limitata ghas-sena 2013 u cioe' ghal dik is-sena li ma rceviex l-performance bonus. L-attur jispjega li bhas-snin ta' qabel huwa kien mela il-formula relattiva pero' l-assessment tieghu baqa' ma sarx bhalma kien sar fis-snin ta' qabel meta kien ircieva tali performance bonus. Jidher kif in fatti stqarr ir-rikorrent stess u kkonfermat mix-xhieda ta' Raymond Fava u s-CEO James Piscopo, ir-rikorrent baqa' ma rcieva l-ebda performance bonus u dan minkejja li fid-19 ta' Dicembru 2013 is-CEO kien baghat email lir-rikorrent kif ukoll lil xi membri tas-senior management (chief officers) ohra li kellhom jircievu ghaxra fil-mija tal-performance bonus u dwar il-kumplament kellhom jistennew ghal Jannar wara li jigi diskuss l-assessment individwali taghhom. Gara' pero' li fil-kaz tar-rikorrent u tar-rikorrent biss dan ma inghatax lanqas l-ghaxra fil-mija li hemm ismemmi f'din l-e-mail.*

*James Piscopo jghid fix-xhieda tieghu li huwa kien inghata parir legali li r-rikorrent kien gja kiser l-obbligu tieghu u cioe' dak ta' fiducja lejn l-Awtorita' meta fil-fatt kien qed jigi investigat fuq akkuzi serji. Jirrizulta ad insaputa ta' Piscopo stess li l-attur kien qed jigi nvestigat u mitkellem mill-Pulizija Esekuttiva ta' Malta fiz-zmien meta kien baghtlu l-e-mail. Kien biss wara li kien baghat din l-e-mail li gie mgharraf bic-charges li kienu gew prezentati fil-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu. Piscopo jghid li l-akkzui per se huma akkuzi serji u jistghu jkollhom effett fuq il-persuna tar-rikorrent u influwenza negattiva fuq l-kariga li jokkupa tant li titfa dawl ikrah fuq il-kariga tieghu. Huwa minnu li r-reati ma gewx kommessi fir-rigward tal-Awtorita' intimata pero' l-Awtorita' ma jistax ikollha nuqqas ta' fiducja fl-attur li kellu kariga daqstant importanti.*

*Illi stante li ma gie pprezentat l-ebda assessment imhejji independentement mill-attur, u stante il-fatt li l-attur ghaddej proceduri kriminali fejn sahansitra skond ma qal l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla stess fix-xhieda tieghu l-attur kien ammetta l-partecipazzjoni tieghu f'dawn ir-reati u sahansitra anke irritorna whud mill-affarijiet li kienu nxtraw minnu bil-credit card tal-kumpanija li giet defrodata wassal sabiex l-attur jigi mkecci u kienet ittiehdet decizjoni mill-Bord li l-attur ma jinghatax l-performance bonus tas-sena 2013. Mhux korett l-attur meta jghid fin-nota tieghu li l-attur huwa prezunt innocenti u li l-proceduri kriminali ghadhom sub judice qisu l-attur ghadu ma ghamel l-ebda pronunzjament meta skond l-Assistent Kummissarju l-attur kien ammetta mieghu l-partecipazzjoni tieghu fir-reati addebitati lilu. Dan l-agir tal-attur ma jirriflettix tajjeb fuq l-Awtorita' u ghalhekk l-Awtorita' kienet gustifikata li ma taghtix il-performance bonus li hija diskrezzjonali lill-istess attur.*

*Illi in oltre l-attur fin-nota tieghu jikkonkludi li huwa dejjem inghata 15% tal-paga bhala bonus performance u ghalhekk kien qed jitlob li jinghata l-istess ammont ghas-sena 2013 pero' jghid ukoll li huwa kien ircieva dan l-ammont wara li jkun sar appraisal li f'dan il-kaz ma sarx ghaliex una volta l-attur agixxa bil-mod kif agixxa u cioe' rinfaccja proceduri kriminali, huwa tilef kull fiducja tant li anke spicca mkecci mill-impieg.'*

10. Illi m'hemmx dubju li l-azzjoni odjerna hija waħda *ex contractu* bażata fuq klawżola 5.1 tal-kuntratt:

*'5.1 The employee shall be entitled to an annual performance bonus of up to fifteen per cent (15%) of the annual gross salary payable at the time based, amongst others, on agreed performance objectives and key performance indicators (KPI). The absence of KPIs will not be a reason for a reduction or loss of the performance bonus'.*[7]

11. Hu fatt li għal dak li jikkonċerna l-ħlas ta' *performance bonus* il-prinċipal għandu diskrezzjoni. Madankollu dan il-jedd hu stipulat fil-kuntratt. Il-fatt li l-prinċipal għandu diskrezzjoni ma jfissirx li m'hijiex sindakabbli minn qorti. Dan apparti li skont dik il-klawżola, jekk l-impjegat jilħaq il-*performance objectives* pattwiti, għandu dritt għall-*performance bonus*. Il-kwistjoni tibqa' x'rata ser jingħata, u f'dak l-istadju tidħol ukoll id-diskrezzjoni tal-prinċipal.

12. In materja, f'***Selwyn's Law of Employment*** jingħad:-

*'In an industry where there are high earnings and competitive activity, a discretionary bonus scheme can be regarded as being part of the remuneration structure of the employers, and a contractual benefit to the employee, as opposed to a mere declaration of the employer's right to pay a bonus if he so wishes.* ***In such circumstances, the employee is entitled to a bona fide and rational exercise of the discretion by the employer in relation to the bonus scheme, and if the employer fails to do so, the employee is entitled to be compensated in respect of that failure*** *(Cantor Fitzgerald International vs Horkulak[8])'.*[9]

13. Fil-każ ta' ***Cantor Fitzgernald International v Horkulak*** il-*High Court of Justice* Ingliża ddeċidiet li Horkulak kien ġie mkeċċi mill-impieg inġustament u għalhekk għaddiet biex tillikwida d-danni dovuti lilu. Fil-biċċa l-kbira l-imsemmija danni kienu jirrappreżentaw pagamenti ta' *bonuses* 'diskrezzjonarji' li huwa kien jirċievi li kieku ħadem it-terminu sħiħ stipulat fil-kuntratt ta' mpieg tiegħu. Il-Qorti tal-Appell ta' *England and Wales,* li fl-14 ta' Ottubru 2004 ddeċidiet l-appell ta' Cantor Fitzgernald International, sostniet li minkejja li l-kuntratt ta' mpieg ta'

---

[7] Fol. 16 – 18.
[8] [2004] IRLR 942, CA.
[9] ***Selwyn's Law of Employment,*** Astra Emir, 20 Edizzjoni, paġna 275.

Horkulak kien jistipula li '*the company* ***may***[10] *at its discretion, pay you an annual discretionary bonus*':

> *'the provision is necessarily to be read as intended to have some contractual content, i.e. it is to be read as a contractual benefit to the employee, as opposed to being a mere declaration of the employer's right to pay a bonus if he wishes, a right which he enjoys regardless of contract.'*[11]

14. Fil-każ odjern, mhux talli fill-klawżola relattiva jingħad illi l-appellant odjern '***shall***[12] *be entitled to an annual performance bonus'*, talli l-kap eżekuttiv tal-Awtorita (James Piscopo), xehed:

> *'l-użanza ta' performance bonus ġewwa l-Awtorità tat-Trasport f'Malta qabel ma bdejt jien l-inkarigu tiegħi ngħid li illi* ***kważi kważi din kienet estensjoni tal-paga****'.*

15. L-appellant xehed li:

> *'f'Novembru ta' kull sena l-HR kien joħroġ appraisal report u dan ħdejn l-aħħar tas-sena rigwardanti l-performance ta kull ħaddiem u naturalment biex inti tirċievi l-performance ta' dik l-istess sena. Ir-rapport l-ewwel kien jintela' mill-impjegat stess u mbgħad niffirmaħ mbgħad imur għand l-HR jew is-CEO biex napprovawh.'*[13]

16. Iżid jgħid li s-sena 2013 kien ħadimha kollha u hekk kif kien ġara fis-snin preċedenti, il-*human resources* bagħtulu l-*performance review form* sabiex jimliha u hekk għamel. L-istess ġiet eżebita bħala '*Dok IFC' a fol. 85 - 90.* Jgħid li huwa bagħt lura din il-formola fiż-żmien stipulat u in segwitu, fid-19 ta' Diċembru 2013, rċieva l-email mingħand is-CEO li kienet indirizzata ukoll lil nies oħra fejn ġie nfurmat li kellu jirċievi *performance bonus* ta' 10% li ġew approvati proviżorjament sakemm isir il-laqa' f'Jannar fejn jiġi diskuss l-istess *review.*

17. F'din l-*email* ingħad is-segwenti:

> '*you will note that* ***you are in receipt of 10% 'performance bonus'*** *which I provisionally approved pending discussions with all of you, separately of course ... will be assigining 30 mins each in week 2 january to go through this.'*[14]

18. L-appellant xehed li huwa kien ingħata appuntament biex isir l-imsemmija laqgħa madanakollu din ġiet kanċellata. Għalhekk bagħat *email* lis-CEO datata 14 ta'

---

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.
[11] Para 46.
[12] Enfażi ta' din il-Qorti.
[13] Fol. 107.
[14] Fol. 106.

Jannar 2014 sabiex jistaqsi jekk kinitx se terġa tiġi *rescheduled,* iżda ma rċieva l-ebda tweġiba u l-*performance bonus* qatt ma ngħatalu.

19. Raymond Fava,[15] *senior manager human resources* mal-Awtorità appellata, ikkonferma li l-prattika fiż-żmien in kwistjoni kienet illi '*nibdew billi nagħtu ten percent u l-bilanċ il-five percent wara tingħata meta nitkellmu fuq senior positions. Meta jsir il-performance appraisal f'aktar dettall.'* Jgħid illi wara l-Milied kienu saru pagamenti fil-konfront ta' *performance bonuses* lil nies oħra kollha ħlief l-appellant peress li s-CEO ta' *Transport Malta,* James Piscopo, kien irċieva rapporti mingħand il-Pulizija li kienu jitfgħu dell ikrah fuq l-appellant. Abbażi t'hekk kienet ittieħdet deċiżjoni mill-Bord li jekk l-appellant ma jirriżenjax kellu jiġi terminat l-impieg tiegħu. Fava xehed li l-appellant qiegħed jikkontesta t-tkeċċija tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali u li jaf ukoll li kontrih għaddejjin ukoll proċeduri kriminali.

20. Dan ġie kkonfermat mis-CEO ta' Transport Malta James Piscopo li xehed[16] li peress li assuma l-kariga fl-2013, ma kienx għadu ltaqa mac-*chief officers* kollha għall-iskop ta' *performance bonus.* Peress li kien hemm l-użanza li dan jingħata f'Diċembru qabel il-Milied, kien bagħat l-*email* tad-19 ta' Diċembru 2013 fejn informa lic-*chief officers* kollha li kien se jtihom *provisional performance bonus* ta' 10% u mbgħad kien se jiltaqa' ma kulħadd f'Jannar 2014 bil-kwiet sabiex '*nagħmlu l-eżami normali sabiex nirrevedu l-performance bonus li jkun dovut jekk ikun dovut. Ngħid li d-Deċiżjoni tiegħi kienet waħda proviżorja għax-xahar ta' Diċembru.'* Rigward din l-*email* żied jgħid li huwa bagħtha lic-*chief officers* kollha, inkluż lill-appellanti <u>minkejja li fil-*media* kien diġa rrapurtat il-każ tal-appellant u kien għalhekk jaf dwaru</u>:

> '*Qed niġi muri dokument li jinsab eżebit fl-atti a fol. 106 immarkat bħala Dokument IFF u din hija email li jiena kont għamilt ġja referenza għaliha fix-xieda tiegħi dwarha li kont bgħatt f'Diċembru. Fiha hemm indikat ukoll ic-chief officers kollha. Li niftakar huwa li f'xi żmien fis-sena 2013 fil-media kien qed jiġi rapportat il-każ tas-Sur Falzon.* ***Dak iż-żmien ngħid illi f'Ottubru Novembru 2013 kien qed jiġi ukoll diskuss il-każ ta' Ian Falzon fil-bord. Il-bord kien ħa parir legali sakemm ma jkunx hemm formal pressing of charges mill-pulizija, is-Sur Falzon għandu jibqa fl-impieg. Naturalment qabel ma bgħatt din l-email jiena kont naf li għaddejjin dawn l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' Ian Falzon.***[17] *Pero nixtieq ngħid li f'xi żmien f'Novembru jew Diċembru 2013 in-nies tiegħi kienu ltaqgħu mas-Sur Falzon proprju biex is-Sur Falzon jispjega effettivament dak li effettivament kien għaddej u skont l-informazzjoni mogħtija mill-ħaddiema tiegħi is-Sur Falzon ma kienx qed jgħidilhom li l-pulizija kienet tibgħat għalih .. meta Ian Falzon effettivament ġie notifikat biċ-charges mill-pulizija lili ma ġie*

[15] Fol. 110 – 111.
[16] Fol. 113 – 115.
[17] Enfasi tal-Qorti.

*jgħidli xejn. Effettivament kien bagħat email lil Jeanette Axisa u Charles Pace fejn għarrafhom illi l-Pulizija kienet se timxi kontrih ... dakinhar stess ... konna bgħattna lis-Sur Falzon ittra fejn tlabnih biex joħroġ bil-leave ...'*

21. Filwaqt li kkonferma li kull min kien ikkupjat fl-*email* tad-19 ta' Diċembru 2013 ingħata 10% *performance bonus,* James Piscopo kompla jgħid illi:

> *'Jiena fil-fatt kont iltqajt mac-chief officers kollha salv u bl-eċċezzjoni għas-Sur Falzon. Ma sarx appraisal tas-Sur Falzon. Jekk minix sejjer żball is-Sur Falzon kien għamel appraisal tiegħu nnifsu u kien bagħtli kopja tiegħu ...* ***Jien qatt ma ddiskutejt dan l-appraisal miegħu ... jiena ħadt id-deċiżjoni li ma jsirux performance reviews fuq is-Sur Falzon. Id-deċiżjoni jiena ħadtha l-ewwel fuq dak li kont qrajt fuq il-media*** *pero mbagħad kont ivverifikajt tramite rappreżentanti tiegħi ... f'Novembru naf li effettivament sirna nafu x'kien qed jiġri fil-konfront ta' Ian Falzon wara li kien tkellem direttament ma' Bernardette Axisa u Charles Pace ...'*[18]

22. Il-pretensjoni tar-rikorrent hi għall-*performance bonus* tas-sena 2013. L-impieg tiegħu kien eventwalment terminat f'Marzu 2014. Il-proċeduri kriminali li ttieħdu kontrih u wara liema l-intimata tterminat l-impieg tiegħu, jirreferu għall-aġir li allegatament sar fiż-żmien meta kien impjegat ma' kumpannija oħra u m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-appellata. Ir-rikorrent kien impjegat tal-appellata, u fis-sena 2013 kienet diġa ttieħdet id-deċiżjoni li l-appellant għandu jirċievi bonus ta' 10% (ara emial datata 19 ta' Diċembru, 2013). Ovvjament *bonus* li għandu x'jaqsam mal-*performance* tal-appellant matul is-sena 2013 u mhux ma' dak li ġara snin qabel. L-ewwel qorti stess ikkonfermat li l-allegat aġir ma twettaqx *"... fir-rigward tal-Awtorita....".* Id-domanda jekk l-appellata kienx baqgħalha fiduċja fl-appellant wara li ttieħdu proċeduri kriminali kontrih, m'għandhiex x'taqsam xejn mal-ħlas ta' *performance bonus*. Materja li semmai kienet rilevanti fir-rigward tad-deċiżjoni tal-appellata li tkeċċi lill-appellant mill-impieg.

23. L-appellata argumentat ukoll li l-appellant ma kienx ħaqqu *performance bonus* għaliex kiser l-obbligu fiduċjaru mpost bl-artikolu 7 tal-kuntratt li taqra:

> *"The Employee shall at all times conduct himself in a reasonable manner, observe all rules, policies and regulations applicable to his place of work, carry out to the best of his abilitiy the lawful orders of his superiors, perform his duties with diligence and efficiency, promote the interest of the Empolyer and safeguard the Employer's property....".*

24. Pero' dik l-obbligazzjoni tirrelata għall-impieg mal-appellata u mhux għall-impiegi preċedenti li kellu l-appellant. Jista' jkun li l-appellant m'għarrafx minnufih lill-

[18] Enfażi tal-Qorti.

prinċipal dwar l-investigazzjoni li kienet qegħda tagħmel il-pulizija, pero' lanqas dak il-fatt mhu rilevanti għal skopijiet ta' din il-kawża. Il-*performance bonus* hu ħlas li l-impjegat jaħdem għalih matul is-sena u jingħata fl-aħħar tas-sena. Il-qorti ma tara l-ebda relazzjoni bejn ħlas ta' *performance bonus* għall-ħidma li jkun għamel l-impegat matul is-sena u l-fatt li l-appellant m'għarrafx lill-appellat bl-investigazzjoni tal-pulizija.

25. Id-deċiżjoni li l-appellat jirċievi 10% kienet diġa ttieħdet. L-appellata m'għamlet l-ebda argument li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti sabiex tiskarta l-*email* ta' Piscopo datata 19 ta' Diċembru, 2013. Hu minnu li fl-email jingħad li 10% kienet *'provisionally approved'*. Pero' m'hemm l-ebda prova li tindika li l-appellat kien ser jirċievi inqas. Il-qorti fehmet l-email ta' Piscopo fis-sens li t-10% kien l-inqas *bonus* li l-persuni li jissemmew fl-email kienu ser jirċievu għal dik is-sena, tant hu hekk li kiteb *"You will note that* ***you are in receipt*** *of 10% 'performance bonus'...."*. Piscopo stess xehed li l-uffiċċju tiegħu kien għarraf lill-uffiċċju tal-finanzi sabiex joħorġu dak il-ħlas lill-ħaddiema l-oħra li jissemmew fl-*email*. Madankollu, fir-rigward tal-appellat ittieħdet deċiżjoni li ma jsirx il-ħlas minħabba l-każ li kellu mal-pulizija. Għall-qorti hu evidenti li kieku ma kinitx għall-investigazzjoni, l-appellant kellu 10% *bonus* garantiti. Persentaġġ li seta' biss jiżdied wara l-laqgħa li suppost saret bejn l-impjegat u l-kap eżekuttiv tal-kumpannija.

26. M'huwiex magħruf jekk l-appellata kinitx tagħti l-5% l-oħra lill-appellant mill-*performance bonus*, u dan proprju għaliex Piscopo kkanċella l-laqgħa li kienet skedata mal-appellant. Għalhekk hemm inċertezza. L-appellant ma kellux garanzija li ser jirċievi l-*performance bonus* kollu ta' 15%. Dik setgħet tiġri biss kieku l-appellata għamlet l-*appraisal*, li pero' baqa' ma sarx fil-każ tal-appellant minħabba deċiżjoni tal-appellata. L-appellant xehed li fis-snin 2011 u 2012 ingħata the *full performance bonus*. Pero' m'huwiex magħruf x'kien ser jiġri matul is-sena 2013, iktar u iktar meqjus li Piscopo ma kienx il-kap eżekuttiv fis-snin preċedenti. Il-fatt li ma saritx il-laqgħa waslet biex l-appellant tilef l-opportunita' li jirċievi persentaġġ ogħla minn dak li jissemma fl-*email* ta' Piscopo, u b'hekk sofra preġudizzju. Ovvjament m'hemmx garanzija li kien ser jingħata l-*full bonus*. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tiddeċiedi din il-parti tal-kwistjoni fuq bażi ta' ekwita u tiffissa 2.5% iktar mill-10% li l-appellant kien ġie mwiegħed mill-prinċipal tiegħu sabiex b'kollox għandu jirċievi total ta' 12.5% *performance bonus*.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tal-ewwel qorti tat-18 ta' April, 2018, tiċħad ir-raba' eċċezzjoni u tilqa' t-talba fis-sens li tikkundanna lill-kumpannija appellata tħallas lill-appellant is-somma ta' tmint elef mitejn u ħamsin ewro (€8,250).**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi salv għal dawk li jissemmew f'sentenzi li ngħataw qabel illum, huma a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.